



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 6 ta' Diċembru 2021  
(OR. en)

14750/21

SOC 724  
EMPL 541  
GENDER 128  
ANTIDISCRIM 109

#### **EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI**

|                                   |                                                                                                                           |
|-----------------------------------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:                             | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                                          |
| lil:                              | Delegazzjonijiet                                                                                                          |
| Nru. dok. preċ.: 13976/21 + COR 1 |                                                                                                                           |
| Suġġett:                          | L-Impatt tal-Intelliġenza Artifiċjali fuq l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri fis-Suq tax-Xogħol<br>- Konklużjonijiet tal-Kunsill |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmużin il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq kif approvati mill-Kunsill EPSCO fil-laqgħa tiegħu li saret fis-6 ta' Diċembru 2021.

**L-Impatt tal-Intelliġenza Artifiċjali fuq l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri fis-Suq tax-Xogħol****Konklużjonijiet tal-Kunsill<sup>1</sup>**

FILWAQT LI JINNOTA li:

1. L-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-Drittijiet tal-Bniedem huma fil-qalba tal-valuri Ewropej u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija prinċipju fundamentali tal-Unjoni Ewropea mnaqqax fit-Trattati u rikonoxxut fl-Artikolu 23 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. L-Artikolu 8 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jirrikjedi li l-Unjoni, fl-attivitajiet kollha tagħha, tftitex li telimina l-inugwaljanzi bejn in-nisa u l-irġiel, u li tinkoraġġixxi l-ugwaljanza.
2. Bil-għan li tiġi żgurata ugwaljanza sħiħa fil-prattika bejn l-irġiel u n-nisa fil-ħajja tax-xogħol, l-Artikolu 157 TFUE jippermetti wkoll lill-Istati Membri jżommu jew jadottaw miżuri ta' azzjoni pożittiva. L-għan tagħhom huwa li jipprovdu vantaġġi speċifiċi sabiex ikun aktar faċli għas-sess l-anqas irrappreżentat li jsegwi attività vokazzjonali jew li jipprevjenu l-iżvantaġġi fil-karrieri professjonali jew jikkumpensaw għalihom. L-Artikolu 157 TFUE jirrekjedi li l-Istati Membri jiżguraw li jkun applikat il-prinċipju ta' paga ugwali għall-ħaddiema maskili u femminili għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali.
3. L-ugwaljanza bejn il-ġeneri, bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata sigur u adattabbli huma rikonoxxuti fil-Prinċipji 2, 5 u 9 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali pproklamat mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017. Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jenfasizza li sabiex ikun hemm mill-inqas 78 % tal-popolazzjoni ta' bejn l-20 u l-64 sena f'impjieg sal-2030, l-Ewropa trid tistinka biex tnaqqas tal-inqas bin-nofs id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjegi meta mqabbel mal-2019.

<sup>1</sup> Konklużjonijiet imfassla fil-kuntest tar-rieżami tal-implimentazzjoni tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing, b'referenza partikolari għall-Qasam Kritiku ta' Tħassib F (In-Nisa u l-Ekonomija).

4. Il-politiki dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri huma fatturi importanti għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv u huma prekondizzjoni biex jinkisbu l-prosperità, il-kompetittività u l-okkupazzjoni sħiħa, kif ukoll għall-koeżjoni soċjali, l-inklużività u l-benessri. Sadanittant, it-tnaqqis tal-forza tax-xogħol b'riżultat tal-iżviluppi demografiċi fl-UE jagħmilha neċessarja li jiġu attirati u miżmuma speċjalisti b'livell għoli ta' taħriġ, speċjalment nisa, fis-suq tax-xogħol, inkluż fis-settur tal-ICT, filwaqt li tiġi intensifikata wkoll il-ġlieda kontra s-segregazzjoni skont il-ġeneru kemm dik orizzontali kif ukoll dik vertikali.
5. Id-diġitalizzazzjoni u t-teknoloġiji l-ġodda, inkluż l-intelliġenza artifiċjali (IA), jista' jkollhom rwol kritiku fl-aċċellerazzjoni tal-progress lejn il-parteċipazzjoni sħiħa u ugwali tan-nisa fis-suq tax-xogħol. Il-bidliet fix-xejriet tax-xogħol ikkawżati mill-kriżi tal-COVID-19 u ż-żieda li tirriżulta f'soluzzjonijiet diġitalizzati u bbażati fuq l-IA enfasizzaw l-importanza li tiġi indirizzata d-diġitalizzazzjoni, speċjalment l-IA, fil-kuntest tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri.
6. L-IA hija għodda ta' trasformazzjoni diġitali importanti u xprun ewlieni tal-bidla u l-innovazzjoni, inkluż forom ġodda ta' xogħol u inklużjoni soċjali, u jista' jkollha impatt differenti fuq in-nisa meta mqabbel ma' dak fuq l-irġiel. Huwa importanti li jiġi analizzati l-konsegwenzi ta' forom ġodda ta' xogħol mill-perspettiva tal-ġeneru; li jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tan-nisa f'dan il-qasam; u li jiġi żgurat li n-nisa u l-irġiel jistgħu jibbenefikaw b'mod ugwali mill-opportunitajiet maħluqa mill-użu tal-IA f'oqsma differenti tad-dinja tax-xogħol, inkluż xogħol fuq pjattaforma diġitali. Kemm in-nisa kif ukoll l-irġiel jeħtieġ ukoll li jkunu protetti mir-riskji possibbli. Pereżempju, ir-riskju ta' teħid ta' deċiżjonijiet mhux trasparenti u diskriminazzjoni algoritmika bbażata fuq is-sess, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twelmin, id-diżabbiltà, l-età, jew l-orjentazzjoni sesswali jeħtieġ li jiġi vvalutat u s-soluzzjonijiet previsti għall-prevenzjoni ta' kwalunkwe ksur tal-valuri u d-drittijiet fundamentali tal-UE, inkluż in-nondiskriminazzjoni u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

7. Kif issottolinjat il-Kummissjoni fl-Istrateġija ta' Ugwaljanza Bejn is-Sessi għall-2020-2025 tagħha, "l-Intelliġenza Artifiċjali (IA) saret qasam ta' importanza strateġika u xprun ewlieni tal-progress ekonomiku, għalhekk in-nisa għandhom ikunu parti mill-iżvilupp tagħha bħala riċerkaturi, programmaturi u utenti. Filwaqt li l-IA tista' ġġib soluzzjonijiet għal ħafna sfidi tas-soċjetà, tirriskja li tintensifika l-inugwaljanzi bejn is-sessi. L-algoritmi u r-riskju ta' taġlim elettroniku relatat mar-ripetizzjoni, jekk mhux trasparenti u robusti biżżejjed, l-amplifikazzjoni jew il-kontribut ta' preġudizzji relatati mal-ġeneru li l-programmaturi jistgħu ma jkunux konxji tagħhom jew li huma r-riżultat ta' għażla ta' data speċifika."
8. FILWAQT LI JIEĦU NOTA tal-White Paper tal-Kummissjoni dwar l-"Intelliġenza Artifiċjali – Approċċ Ewropew għall-eċċellenza u għall-fiduċja", li tappella għall-iżvilupp u l-użu etiku u affidabbli tal-IA fl-ekonomija kollha tal-UE.
9. FILWAQT LI JIEĦU NOTA tar-rapport tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) "Artificial intelligence, platform work and gender equality" (L-intelliġenza artifiċjali, ix-xogħol fuq pjattaforma diġitali u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri), li jistabbilixxi l-modi importanti li bihom l-użu dejjem jikber tat-teknoloġija bbażata fuq l-IA qed jaffettwa l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fis-suq tax-xogħol, inkluż l-kundizzjonijiet tax-xogħol, il-mudelli tax-xogħol u l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għan-nisa u l-irġiel involuti f'xogħol fuq pjattaforma diġitali, u li jiddeskrivi l-isfidi regolatorji ewlenin f'dawn l-oqsma.

## IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

JAPPELLA LILL-ISTATI MEMBRI biex, skont il-kompetenzi tagħhom u filwaqt li jqisu ċ-ċirkostanzi nazzjonali u r-rwol u l-awtonomija tas-sħab soċjali:

10. Jieħdu passi konkreti biex itejbu s-sensibilizzazzjoni dwar kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn il-ġeneri fir-riċerka dwar l-IA u fis-setturi kollha fejn hija mfassla, żviluppata u użata l-IA, u biex isaħħu l-isforzi mill-atturi rilevanti kollha biex jieħdu approċċ multidixxiplinari għar-riċerka dwar l-IA.
11. Jindirizzaw il-ħtiġijiet tal-persuni involuti f'xogħol fuq pjattaforma diġitali f'miżuri biex jittaffa l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq l-ekonomija u s-soċjetà u dawk li jaħdmu għal rashom, filwaqt li jagħtu attenzjoni speċjali lill-ħaddiema nisa tal-pjattaformi.
12. Isaħħu l-isforzi tagħhom biex jiksbu rappreżentanza bilanċjata ta' nisa u rġiel f'okkupazzjonijiet relatati mal-ħolqien u l-użu ta' għodod tal-IA u fir-riċerka dwar l-IA. L-attivitajiet ikkunsidrati jistgħu jinkludu dawn li ġejjin:
  - a) Il-bniet u n-nisa żgħażaġh, inkluż dawk li ġejjin minn kuntesti żvantaġġati, jiġu mħeġġa jitgħallmu l-ħiliet diġitali u jsiru profiċjenti fil-programmazzjoni matul l-edukazzjoni primarja u sekondarja u t-taħriġ, u jiġu appoġġati jsaħħu dawn il-kompetenzi, bil-għan li jitnaqqas id-distakk diġitali bejn il-ġeneri fl-istadji sussegwenti tal-ħajja;
  - b) Il-bniet u n-nisa żgħażaġh, inkluż dawk li ġejjin minn kuntesti żvantaġġati, jiġu mħeġġa jagħżlu l-edukazzjoni, it-taħriġ u l-perkorsi tal-karriera fl-oqsma STEM<sup>2</sup>, inkluż fl-ICT u fl-IA, u jingħataw ir-riżorsi u l-appoġġ meħtieġa, kif ukoll jiġu promossi nisa meqjusa mudelli f'dan il-qasam;

---

<sup>2</sup> Xjenza, teknoloġija, inġinerija u matematika.

- c) L-aspetti tal-etika u tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri jiġu inkorporati fl-oqsma ta' studju STEM u l-programmi ta' studju tal-IA, bil-ħsieb ta-sensibilizzazzjoni dwar id-dimensjoni tal-ugwaljanza;
- d) Issir riċerka fl-iżvilupp u l-użu tal-IA b'enfasi speċjali fuq il-ħtieġa għal sorveljanza umana; fuq l-implikazzjonijiet legali, inkluż l-impatt fuq id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali; u fuq l-aspetti soċjali, inkluż f'termini ta' ugwaljanza bejn il-ġeneri; kif ukoll fuq aspetti etiċi u r-riskju ta' diskriminazzjoni;
- e) It-tiġdid u t-titjib tal-ħiliet u t-tagħlim tul il-ħajja jiġu appoġġati kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel, bil-għan li jingħataw lhom ħiliet diġitali avvanzati li huma meħtieġa f'ħafna xogħlijiet; il-karrieri fix-xjenza tad-data u fl-IA jsiru aktar aċċessibbli għal kulħadd; titnaqqas id-diskrepanza fil-ħiliet diġitali, inkluż bil-ħsieb li jiġu żgurati opportunitajiet indaqs fil-kuntest ta' tranżizzjonijiet bejn impjiegi;
- f) Jittieħdu miżuri speċifiċi biex jipprevjenu u jiġġieldu d-diskriminazzjoni, inkluż il-fastidju, f'kuntesti edukattivi u fuq il-post tax-xogħol, b'mod partikulari fejn l-IA tiġi mfassla, żviluppata u użata;
- g) Jittieħdu miżuri speċifiċi biex jiffaċilitaw bilanċ xieraq bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ħaddiema f'organizzazzjonijiet li jiżviluppaw l-IA kif ukoll f'organizzazzjonijiet, inkluż pjattaformi online, li jużaw l-awtomatizzazzjoni diġitali għal skopijiet ta' maniġġar;
- h) Is-saqaf tal-ħġieġ<sup>3</sup> fil-postijiet tax-xogħol u n-negozji jiġi indirizzat, inkluż permezz ta' miżuri li jiżguraw li l-IA ma tipperpetwax l-eżistenza ta' saqaf bħal dan, inkluż matul il-fażi ta' reklutaġġ;

<sup>3</sup> Impedimenti artiċijali u ostakli inviżibbli li jfixklu l-aċċess tan-nisa għall-ogħla pożizzjonijiet tat-teħid ta' deċiżjonijiet u pożizzjonijiet manigġerjali f'organizzazzjoni, kemm pubblika kif ukoll privata u fi kwalunkwe qasam (EIGE, 2021).

- i) Isir sforz biex meta l-IA tintuża għall-immaniġġar tar-riżorsi umani, jiġu żgurati t-trasparenza u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, b'mod partikulari fl-oqsma tal-pagi, it-taħriġ, l-aċċess għall-promozzjoni, u l-progressjoni tal-karriera;
- j) Jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol fost il-forza tax-xogħol inviżibbli wara l-IA<sup>4</sup>, li aktar minn nofs ħa hija magħmula minn nisa; jiġu identifikati l-inugwaljanzi eżistenti fiha; u jsir sforz biex tiġi eliminata d-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi kif ukoll forom oħra ta' inugwaljanza bejn il-ġeneri fis-setturi kollha tal-IA; u
- k) Issir riċerka dwar modi kif l-użu tal-IA jista' jikkontribwixxi għat-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u jnaqqas il-piż tal-attivitàjiet ta' rutina f'setturi bħas-servizzi personali u tad-dar, il-kura tas-saħħa u l-edukazzjoni.

13. Ikompli bl-isforzi tagħhom biex jiżguraw it-trasparenza algoritmika

(*sensibilizzazzjoni algoritmika*)<sup>5</sup> fl-użu tal-IA. Il-passi li għandhom jittieħdu jistgħu jinkludu:

- a) Jiġi żgurat il-bilanċ bejn il-ġeneri fit-tfassil tal-algoritmi, speċjalment dawk maħsuba għall-proċeduri ta' impjieg u t-teħid ta' deċiżjonijiet, inkluż billi tiġi indirizzata l-problema ta' dħul ta' data storikament preġudikata, filwaqt li jiġi żgurat livell suffiċjenti ta' sorveljanza u kontroll tal-bniedem, inkluż fil-fażi ta' reklutaġġ u meta jiġu evalwati l-prestazzjoni u l-imġiba.

<sup>4</sup> Illum in-nisa u xi gruppi emarġinati għadhom jagħtu valur miżjud importanti lis-settur tal-intelliġenza artifiċjali; madankollu, il-kontribut tagħhom huwa sproporzjonatament sottovalutat meta mqabbel mal-għarfien li huma jgħinu joħolqu. L-industrija tal-intelliġenza artifiċjali ma tinkludix biss impjiegi għal impjegati bi kwalifiki għolja, iżda wkoll impjiegi b'pagi baxxi. In-nisa u l-irġiel li jaħdmu f'dawn l-impjiegi, ġeneralment imsejħa l-forza tax-xogħol inviżibbli wara l-intelliġenza artifiċjali, iwettqu kompiti ta' appoġġ fit-taħriġ ta' algoritmi għat-tagħlim awtomatiku (pereżempju t-tikkettar tad-data) (EIGE, 2021).

<sup>5</sup> It-trasparenza algoritmika hija salvagwardja importanti għall-obbligu ta' rendikont u l-ġustizzja fit-teħid ta' deċiżjonijiet. Minn diversi applikazzjonijiet tal-IA għall-klassifikazzjoni ta' riżultati fil-magni tat-tiftix, l-algoritmi jirregolaw il-mod kif naċċessaw l-informazzjoni online. Dan għandu implikazzjonijiet kbar għall-konsumaturi u n-negozji f'oqsma bħall-pjattaformi online. Il-fehim tat-trasparenza algoritmika b'mod approfondit huwa essenzjali għat-tfassil ta' politika informat. It-trasparenza algoritmika ssaħħa ukoll it-tqajjim ta' kuxjenza dwar l-impatti negattivi possibbli tal-algoritmi tal-intelliġenza artifiċjali fuq id-dinamika soċjali (f'dan il-każ fuq ir-relazzjonijiet tal-poter bejn in-nisa u l-irġiel) (Kummissjoni Ewropea, 2020).

- b) It-trasparenza tiġi promossa fil-monitoraġġ u l-evalwazzjoni bl-algoritmi, kif ukoll fil-kriterji użati fl-immaniġġar permezz tal-algoritmi tat-tqassim tax-xogħol u l-assenjazzjoni tal-kompiti f'ambjenti tax-xogħol, bil-għan li tittejjeb l-informazzjoni disponibbli għall-persuni li d-drittijiet u l-interessi tagħhom jistgħu jiġu affettwati mill-immaniġġar bl-algoritmi, u jiġu żgurati t-trattament u l-istatus ugwali tan-nisa u l-irġiel;
  - c) Il-ħaddiema, ir-rappreżentanti tagħhom u l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti jiġu ssensibilizzati aktar dwar ir-rwol li jaqdu l-algoritmi fl-immaniġġar tax-xogħol u l-aċċess għall-informazzjoni rilevanti jkun żgurat; u
  - d) Jiġi prevenut it-trattament inqas favorevoli ta' impjegati b'responsabbiltajiet ta' kura minħabba kwalunkwe nuqqas ta' kunsiderazzjoni xierqa ta' dawn ir-responsabbiltajiet fit-tfassil ta' algoritmi għall-assenjazzjoni ta' responsabbiltajiet tax-xogħol.
14. Ikompli janalizzaw il-qafas istituzzjonali u legali nazzjonali għall-ħidma fuq pjattaforma diġitali, filwaqt li jitqies ir-rwol sinifikanti li għandha l-IA f'dan il-kuntest; jiżguraw li din l-analiżi tinkludi perspettiva tal-ġeneru; u jiddedikaw attenzjoni speċjali għall-valutazzjoni ta' kwalunkwe lakuna u inċertezza legali rigward l-istatus tal-impjeg ta' persuni involuti f'xogħol fuq pjattaforma diġitali sabiex jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom u tiġi evitata żieda f'forom prekarji ta' xogħol filwaqt li titqies l-eteroġeneità tal-pjattaformi.
  15. Iżidu l-isforzi biex tiġi implimentata r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2019/C 387/01 dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u l-persuni li jaħdmu għal rashom.
  16. Jieħdu passi konkreti biex jipprevjenu d-diskriminazzjoni u jindirizzaw il-preġudizzju fis-sistemi u l-algoritmi kollha tal-IA.

JAPPELLA LILL-KUMMISSJONI EWROPEA U LILL-ISTATI MEMBRI biex,  
fil-kompetenzi tagħhom, u waqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi nazzjonali tal-Istati Membri u r-rwol u  
l-awtonomija tas-sħab soċjali:

17. Isaħħu r-rabta bejn il-politiki tal-UE għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-politiki tal-UE għat-tranżizzjoni diġitali, u jiżguraw l-integrazzjoni sistematika tal-perspettiva tal-ġeneri fil-politiki tal-IA, b'attenzjoni partikolari fuq l-inkoraġġiment tal-bniet u n-nisa biex jipparteċipaw u jaħdmu fil-qasam tar-riċerka dwar l-IA u fis-setturi kollha fejn titfassal, tiġi żviluppata u tintuża l-IA.
18. Ifasslu, jimplimentaw u jimmonitorjaw miżuri mmirati biex jingħelbu l-istereotipi marbuta mal-ġeneru fil-kuntest tal-IA, bil-għan li tiġi żgurata l-ugwaljanza bejn il-ġeneri f'dan il-qasam. Dawn il-miżuri jistgħu jinkludu:
  - a) Miżuri għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneru fil-qasam tal-IA billi jiġi promoss il-bilanċ bejn il-ġeneri fir-riċerka, fl-edukazzjoni u t-taħriġ u fid-dħul f'impjiegi li jinvolve xogħol fil-qasam tal-IA. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lis-sensibilizzazzjoni tas-servizzi tar-riżorsi umani dwar il-benefiċċji tal-użu tal-għodod tal-IA f'xogħolhom kif ukoll dwar ir-riskji potenzjali, bil-għan li jiġu evitati u indirizzati l-preġudizzju tal-ġeneru u prattiki diskriminatorji potenzjali;
  - b) Miżuri li jappoġġaw l-għoti ta' taħriġ fl-ugwaljanza bejn il-ġeneri u fl-isterjotipi marbuta mal-ġeneru għall-esperti tal-IA, inkluż persuni involuti fir-riċerka dwar l-IA u fit-tfassil, l-iżvilupp u l-użu tal-IA;
  - c) Miżuri li jippromwovu r-riċerka u l-iżvilupp sensitivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru fl-oqsma tal-IA u b'mod partikolari t-tagħlim awtomatiku; u
  - d) Miżuri li jiżviluppaw u jxerrdu gwida u għodod għall-użu tad-data sensitivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru fit-taħriġ ta' sistemi tat-tagħlim awtomatiku.

19. Irawmu sħubiji u kooperazzjoni ma' pajjiżi tal-istess fehma, mas-sħab soċjali, u ma' negozji u organizzazzjonijiet tan-negozju li jaħdmu fil-qasam diġitali, b'mod partikolari l-IA, inkluż l-industrija tal-ICT, u kumpanniji tal-media u tal-media soċjali, kif ukoll is-setturi rilevanti l-oħra kollha, inkluż il-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni, l-inġinerija, il-finanzi u l-agrikoltura, bil-ħsieb li tiġi promossa b'mod sistematiku l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-kuntest tad-diġitalizzazzjoni u b'mod partikolari l-IA.
20. Isaħħu l-isforzi tagħhom biex jindirizzaw b'mod sistematiku il-preġudizzju fid-data fil-ġbir ta' data dwar l-impjiegi fil-kuntesti rilevanti fejn tintuża l-IA, bil-għan li tiġi evitata t-tkomplija tal-inugwaljanzi bejn il-ġeneri fis-suq tax-xogħol u lil hinn minnu; din id-data għandha tiġi diżaggregata skont is-sess u l-età, filwaqt li titqies il-perspettiva intersezzjonali.
21. Jintensifikaw l-isforzi tagħhom biex jiġġieldu kontra kemm is-segregazzjoni orizzontali skont is-sess kif ukoll dik vertikali fis-suq tax-xogħol.

JAPPELLA LILL-KUMMISSJONI EWROPEA biex:

22. Tkompli bl-isforzi tagħha biex tiġġieled l-isterjotipi tal-ġeneru f'oqsma relatati mal-IA.
23. Tkompli bl-isforzi tagħha biex tiżgura li l-politiki tal-IA fil-livell tal-UE jindirizzaw l-aspett tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fit-tfassil, l-iżvilupp u l-użu tal-IA, filwaqt li tagħti attenzjoni partikolari lill-ħtieġa li s-suppożizzjonijiet ibbażati fuq sterjotipi marbuta mal-ġeneru ma jiġux pperpetwati.
24. Tiżgura riċerka ulterjuri adatta dwar it-tfassil, l-iżvilupp u l-użu tal-IA minn perspettiva tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, inkluż permezz ta' finanzjament, filwaqt tagħmel enfasi partikolari fuq id-diskriminazzjoni intersezzjonali, filwaqt li jitqies l-istudju mill-EIGE.

## Referenzi

### 1. UE interistituzzjonali

Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali

[https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/social-summit-european-pillar-social-rights-booklet\\_mt.pdf](https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/social-summit-european-pillar-social-rights-booklet_mt.pdf)

### 2. Leġislazzjoni tal-UE

Direttiva tal-Kunsill 2004/113/KE tat-13 ta' Diċembru 2004 li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fl-aċċess għal u l-provvista ta' merkanzija u servizzi. (*ĠU L 373, 21.12.2004, p. 37–43.*)

Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjegi u xogħol (tfassil mill-ġdid) (*ĠU L 204, 26.7.2006, p. 23–36.*)

Direttiva (UE) 2019/1158 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2010/18/UE (*ĠU L 188, 12.7.2019, p. 79–93.*)

Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. (*ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17–75.*)

### 3. Il-Kunsill

Il-Konklużjonijiet kollha tal-Kunsill dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u suġġetti rilevanti oħra, inkluż speċjalment dawk imsemmija hawn taħt:

- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Nimxu lejn swieq tax-xogħol aktar inklużivi (7017/15)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Intejbu l-Ħiliet tan-Nisa u l-Irġiel fis-Suq tax-Xogħol tal-UE (6889/17)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Miżuri msaħħa biex tonqos s-segregazzjoni orizzontali tas-sessi fl-edukazzjoni u l-impjieg (15468/17)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Innaqqsu d-Differenza bejn il-Pagi tal-Irġiel u n-Nisa: Politiki u Miżuri Ewlenin (10349/19)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar L-Ekonomija tal-Benesseri (13432/19)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Ekonomiji li Jiffavorixxu l-Ugwaljanza bejn is-Sessi fl-UE: It-Triq 'il Quddiem: Nieħdu Kont ta' 25 Sena ta' Implimentazzjoni tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing (14938/19)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Titjib tal-Benesseri fuq il-Post tax-Xogħol (8688/20)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar L-Indirizzar tad-Differenza bejn il-Ġeneri fil-Pagi: Valutazzjoni u Distribuzzjoni tax-Xogħol Imħallas u x-Xogħol ta' Kura Mingħajr Ħlas (13584/20)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Impatt Soċjoekonomiku tal-COVID-19 fuq l-Ugwaljanza Bejn il-Ġeneri (8884/21)

### 4. It-Triju ta' Presidenzi

Dikjarazzjoni tat-Triju ta' Presidenzi dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri ffirmata mill-Ġermanja, il-Portugall u s-Slovenja (Lulju 2020)

## 5. Il-Kummissjoni Ewropea

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tas-26 ta' April 2017: "Inizjattiva ta' appoġġ għall-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u l-persuni li jindukraw li jaħdmu" (COM(2017) 252 final)

Komunikazzjoni "Pjan ta' Azzjoni dwar l-Edukazzjoni Diġitali 2021-2027 Tfassil mill-ġdid tal-edukazzjoni u t-taħriġ għall-era diġitali", COM(2020) 624 final

Rapport tal-2021 dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-Unjoni Ewropea (6774/21)

Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija ta' Ugwaljanza Bejn is-Sessi għall-2020-2025. 6678/20. (Referenza tal-Kummissjoni: COM(2020) 152 final.)

Komunikazzjoni dwar Ewropa Soċjali b'Saħħitha għal Tranżizzjonijiet Ġusti. (COM(2020) 14 final.)

Komunikazzjoni "Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza" (COM(2020) 274 final)

Il-Kummissjoni Ewropea 2020: Labour Market and Wage Developments in Europe (Kummissjoni Ewropea 2020: L-Iżviluppi fis-Suq tax-Xogħol u fil-Pagi fl-Ewropa), Analiżi Annwali 2020. (ISSN 2443-6771)

Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (6649/21 + ADD 1 + ADD 2)

White paper dwar l-Intelliġenza Artifiċjali – Approċċ Ewropew għall-eċċellenza u għall-fiduċja (COM (2020) 65 final)

"Opinion on Artificial Intelligence – opportunities and challenges for gender equality" (Opinjoni dwar l-Intelliġenza Artifiċjali – opportunitajiet u sfidi għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri) (Komitat Konsultattiv dwar l-Opportunitajiet Indaq bejn in-Nisa u l-Irġiel, 18 ta' Marzu 2020)

6. Il-Parlament Ewropew

Riżoluzzjoni intitolata "Qafas tal-aspetti etiċi tal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati." (P9\_TA(2020)0275)

7. L-EIGE

"Gender Equality and the socio-economic impact of the COVID-19 pandemic" (L-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri u l-Konsegwenzi Soċjoekonomiċi tal-kriżi tal-COVID-19), 2021. (8878/21 ADD1)

Intelliġenza artifiċjali, xogħol fuq pjattaforma diġitali u ugwaljanza bejn il-ġeneri. 13976/21 ADD 1.

"Gender Equality Index 2020: Digitalisation and the future of work," (L-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020: Id-diġitalizzazzjoni u l-futur tax-xogħol), 2020.  
<https://eige.europa.eu/publications/gender-equality-index-2020-digitalisation-and-future-work>

8. L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA)

Kwalità tad-data u intelliġenza artifiċjali – mitigazzjoni tal-preġudizzji u l-iżbalji biex jiġu protetti d-drittijiet fundamentali (2019)

#BigData: Diskriminazzjoni fit-teħid ta' deċiżjonijiet appoġġat mid-data (2018)

9. L-Eurofound

"Regulations to address work–life balance in digital flexible working arrangements," (Regolamenti li jindirizzaw il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata f'arranġamenti tax-xogħol flessibbli diġitali), Sensiela dwar forum ġodda ta' impjiegi, 2020.

"Telework and ICT-based mobile work: Flexible working in the digital age," (It-telexogħol u x-xogħol mobbli bbażat fuq l-ICT: Xogħol flessibbli fl-era diġitali), Sensiela dwar forum ġodda ta' impjiegi, 2020

[https://www.eurofound.europa.eu/sites/default/files/ef\\_publication/field\\_ef\\_document/ef19032en.pdf](https://www.eurofound.europa.eu/sites/default/files/ef_publication/field_ef_document/ef19032en.pdf)

"Platform economy: Developments in the COVID-19 crisis," (Ekonomija tal-pjattaforma: Żviluppi fil-kriżi tal-COVID-19), 2020. <https://www.eurofound.europa.eu/data/platform-economy/dossiers/developments-in-the-covid-19-crisis>

"Labour market change: Trends and policy approaches towards flexibilisation, Challenges and prospects in the EU series," (Bidla fis-suq tax-xogħol: Xejriet u approċċi ta' politika għall-flessibilizzazzjoni), Sensiela dwar l-isfidi u l-prospetti fl-UE, 2020.

10. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

"Teleworking and gender equality – conditions so that teleworking does not exacerbate the unequal distribution of unpaid care and domestic work between women and men and for it to be an engine for promoting gender equality" (It-telexogħol u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri – kundizzjonijiet sabiex it-telexogħol ma jżidx l-inugwaljanza fit-tqassim ta' xogħol domestiku u ta' kura mhux imħallas bejn in-nisa u l-irġiel u biex ikun mutur għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri). SOC/662-EESC-2020.

## 11. In-Nazzjonijiet Uniti

Id-Dikjarazzjoni u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing (aġenda tan-NU għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tiżi tal-pożizzjoni tan-nisa)

Il-Konvenzjoni tan-NU dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni Kontra n-Nisa (CEDAW)

L-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli (SGD) 5.4 tal-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Iżvilupp Sostenibbli

## 12. Oħrajn

L-OECD, "Women in the core of the fight against Covid-19 crisis" (In-nisa fl-eqel tal-ġlieda kontra l-kriżi tal-COVID-19), Risposti ta' Politika tal-OECD għall-Coronavirus (Covid-19). Verżjoni tal-1 ta' April 2020

<https://www.oecd.org/coronavirus/policy-responses/women-at-the-core-of-the-fight-against-covid-19-crisis-553a8269/#biblio-d1e2093>.

Ir-Rakkomandazzjoni CM/Rec (2019)1 tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra s-sessiżmu.

Konklużjonijiet tal-Presidenza tas-6 ta' Diċembru 2018 L-Ugwaljanza bejn is-Sessi, iż-Żgħażaġ u d-Diġitalizzazzjoni (dokument 15308/18)

---